MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1141/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta’ Ottubru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, il-kontendenti zzewgu fit-23 ta’ Marzu 1977 kif jindika c-certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok. “A”;

Illi, il-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri fil-21 ta’ Gunju 1993;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien ivizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-

drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija piskologika serja li ghamlitha mpossibli ghall-kontendenti li jaqbu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi, il-kunsens tal-konvenut nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha setghet fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi, minhabba r-ragunijiet premessi, u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet,** iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;

Illi l-istess attrici talbet li dan l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255,** u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet, tal-Ligijiet ta' Malta;**

Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici, l-lista tax-xhieda minnha prezentati u l-lista tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fis-22 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti ppregiggiet lill-attrici sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista' premezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat ir-rikors tal-attrici A datat 14 ta' Jannar 2003, a fol 13, fejn talbet umilment lil din l-Onorabbli Qorti biex testendi t-terminu ghall-prezentata tal-affidavits sal-ahhar ta' Frar 2003 u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa w opportuni li timponi.

Rat id-digriet tal-Qorti, datat 15 ta' Jannar 2003, a fol 14, fejn din l-Onorabbli Qorti laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' B, datata 21 ta' Frar 2003, a fol 15 fejn ecepixxa bir-rispett:

1. Illi hu jaqbel li ghandu jigi dikjarat u deciz illi z-zwieg kuntrattat bejn l-eccipjenti u l-attrici huwa null u bla effett fil-Ligi *ai termini* ta' l-**Artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-istess **Kap. 255,** izda minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici *stante* li hu ma ghandu ebda responabilita' ghall-istess;

2. Illi ghaldaqstant, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu akkollati lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda minnu prezentati a fol 16 u fol 17 tal-process.

Rat il-verbal datat 5 ta' Marzu 2003, fejn Dr. Audrey Demicoli prezentat l-affidavit tal-attrici, b'kopja lill-kontroparti. Il-Qorti estendit iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavit attrici b'50 jum u nghata digriet tal-affidavit tal-konvenut b'terminu ta' 50 gurnata min-notifika tal-affidavit attrici.

Rat in-nota tal-attrici datata 5 ta' Marzu 2003, a fol 21, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat in-nota ta’ A datata 17 ta’ Gunju 2003, a fol 25, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta’ ohtha Yvonne Buttigieg.

Rat in-nota tal-konvenut B, datata 20 ta’ Gunju 2003, a fol 27, permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Gunju 2003, fejn id-difensuri ddikjaraw li ghalqu l-provi hlief ghall-affidavit li Dr. Demicoli kienet ser tipprezenta fl-istess jum. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ April 2004.

Rat in-nota tal-attrici datata 25 ta’ Gunju 2003, permezz taghha prezentat l-affidavit ta’ ohtha Carmen Micallef.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attrici **A** li gie prezenatat premezz ta’ nota datata 5 ta’ Marzu 2003, tali affidavit jinsab minn fol 22 sa fol 24 tal-process. Rat l-affidavit ta’ oht l-attrici **Yvonne Buttigieg** u **Carmen Micallef.** L-affidavit ta’ Yvonne Buttigieg gie prezentat permezz ta’ nota datata 17 ta’ Gunju 2003 u jinsab a fol 26. L-affidavit ta’ Carmen Micallef gie prezentat permezz ta’ nota datata 25 ta’ Gunju 2003 u jinsab a fol 32.

Rat l-affidavit tal-konvenut **B** li gie prezentat permezz nota datata 20 ta’ Gunju 2003 u jinsab minn fol. 28 sa fol. 29 tal-process.

### ii) PRINCIPJI LEGALI

Illi dawn it-tlett premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici l-ewwel tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina minn naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt, jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f'**"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll il-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg*

*civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita` ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il propjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (**Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, nkluz fis-sentenza "**Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova**" (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra ("**Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et**" (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

L-attrici ssostni wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza “**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**” (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**” (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations*

*must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi dwar l-ahhar premessa ta' l-attrici bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f),** dan jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza "**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**" minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza "**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**" (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

**iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu wara li damu tlett snin flimkien, wara din l-eghrusija kienet karatterizzata mill-fatt li l-attrici, kif xehdu x-xhieda kollha prodotti kienet dejjem tfittex li jkun hemm xi hadd maghha meta hija kienet mal-konvenut, u fil-fatt jidher li din is-sitwazzjoni kompliet anke' wara z-zwieg, kif jinsab konfermat miz-zewgt partijiet.

Illi fil-fatt l-istess attrici llum tammetti li z-zwieg ma kienx ghaliha, kienet u baqghet tahdem, izda iktar sinifikanti huwa l-fatt li hija ddikjarat li mohha ma kienx mitfugh fuq il-familja, jew fuq ir-ragel izda aktar fuq ix-xoghol. Il-verita', mir-rakkont tal-attrici, li l-Qorti thoss li huwa sincier, hija li l-istess attrici ghaddiet wahedha minn episodju trawmateiku fil-hajja taghha, fejn hija qed tallega li giet abbuzata sesswalment mit-tifel il-kbir tal-gar taghha meta hija kellha sitt snin biss u dan l-abbuz kompla ghal sentejn shah. L-attrici tghid li b'dan qatt ma qalet lill-hadd u kien biss ricentement li hija fethet qalbha f'dan l-incident ma' ohtha Carmen Micallef, li fix-xhieda taghha 25 ta' Gunju 2003 ikkonfermat din l-istqarrija tal-istess attrici.

Illi certament li dan jispjega il-komportament tal-attrici mal-konvenut, ir-raguni ghaliex l-istess attrici qatt ma hassitha komda tkun wahedha mal-konvenut u dejjem kienet tfittex li tkun fil-presenza ta' persuni ohra qabel iz-zwieg, u wkoll qatt ma hassitha komda f'relazzjoni intimi mal-istess konvenut. Fil-fatt ir-ragunijiet li wasslu lill-attrici sabiex tizzewweg lill-konvenut ma kinux diretti lejn l-imhabba li hija setgha kellha ghall-konvenut, izda biss ghaliex riedet tehles minn dak li hija rat bhala sikkatura id-dar taghha, u wkoll ghaliex hutha ghamlu l-istess pass, pero' dan kollu ma setghax jahbi l-fatt ta' dak li kienet qed thoss f'tali relazzjoni minhabba l-esperjenza kerha li ghaddiet minnha, li internament u psikologikament affetwata b'mod li kienet tibza' minn din ir-relazzjoni u iktar u iktar minn relazzjoni intima anke' sesswali.

Illi fl-isfond ta' dan kollu jirrizulta li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u wkoll peress li l-kunsens tal-konvenut inkiseb b'qerq u dan peress li l-attrici qatt ma qalet lill-konvenut b'dak li verament kienet qed thoss kawza tal-esperjenza terribbli taghha, u allura hemm lok sabiex tali zwieg jigi dikjarat null u ba effett abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kap 255.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (c), (d) tal-Kap 255,** u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet, tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv fuq indikat.

BI-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Illi minhabba n-natura tal-kaz din il-Qorti tipprojbixxi l-pubblikazzjoni b'kull forma tal-ismijiet tal-partijiet f'din il-kawza u l-kaz jigi indikat sempliciment bhala **"A vs B".** Tordna l-komunika ta' din l-ordni lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------